

## Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tħejjijiet għall-introduzzjoni ta' sistemi ta' metraġġ intelliġenti

(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab fil-lingwi EN, FR u DE fuq is-sit elettroniku tal-KEPD <http://www.edps.europa.eu>)

(2012/C 335/08)

### 1. Introduzzjoni

#### 1.1. Konsultazzjoni tal-KEPD

1. Fid-9 ta' Marzu 2012, il-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjoni dwar it-tħejjijiet għall-introduzzjoni ta' sistemi ta' metraġġ intelliġenti ("ir-Rakkomandazzjoni") <sup>(1)</sup>. Ir-Rakkomandazzjoni ntbagħtet lill-KEPD għal konsultazzjoni fid-19 ta' Marzu 2012.

2. Qabel l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni, il-KEPD ingħata l-opportunità li jipprovdi kummenti informali. Uħud minn dawn il-kummenti ttehdhu f'kunsiderazzjoni fir-Rakkomandazzjoni. B'riżultat ta' dan, issa hew is-salvagwardji għall-protezzjoni tad-dejta stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni.

3. Il-KEPD jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni kkonsultatu wkoll b'mod formali u li din l-Opinjoni tisemma fil-preambolu tar-Rakkomandazzjoni.

#### 1.2. L-għanijiet u l-isfond tar-Rakkomandazzjoni

4. L-għan tar-Rakkomandazzjoni huwa li tingħata gwida lill-Istati Membri dwar it-tħejjija għall-introduzzjoni ta' sistemi ta' metraġġ intelliġenti <sup>(2)</sup> fl-Ewropa. Din l-introduzzjoni hija prevista sal-2020 għas-swieq tal-gass u tal-elettriku u hija soġġetta għal valutazzjoni ekonomika tal-ispejjeż u tal-benefiċċji. Din il-valutazzjoni għandha titwettaq minn kull Stat Membru sat-3 ta' Settembru 2012 <sup>(3)</sup>.

5. Parti sinjifikanti mir-Rakkomandazzjoni (it-Taqsima I) hija ddedikata lill-protezzjoni tad-dejta. Importanti ferm, ir-Rakkomandazzjoni titlob għat-tħejjija ta' template għal valutazzjoni dwar l-impatt tal-protezzjoni tad-dejta <sup>(4)</sup> ("it-Template") u s-sottomissjoni tagħha lill-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-Dejta ("id-WP29") biex jingħataw pariri fi żmien tnax-il xahar mill-pubblikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni <sup>(5)</sup>.

6. Bħalissa qiegħed jitħejja l-ewwel abbozz tat-Template mill-Grupp ta' Esperti 2 tat-Task Force tal-Kummissjoni dwar il-Grilji Intelliġenti. It-Task Force ġiet stabbilita mill-Kummissjoni qabel l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni, bil-għan li tagħti pariri dwar kwistjonijiet ta' grilji intelliġenti. Wieħed mis-sottogruppi tat-Task Force, il-Grupp ta' Esperti 2, jiffoka fuq aspetti ta' sigurtà u protezzjoni tad-dejta. Il-grupp jinkludi primarjament rappreżentanti tal-industrija (b'ċerta rappreżentanza minn gruppi tal-konsumaturi u tas-soċjetà ċivili) <sup>(6)</sup>.

7. Il-Kummissjoni ssegwi approċċ li jinvolvi liġi mhux vinkolanti li jikkombina (i) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li tkopri l-protezzjoni tad-dejta fost kwistjonijiet oħrajn u (ii) gwida ulterjuri lill-Istati Membri fil-forma ta' template għal valutazzjoni tal-impatt dwar il-protezzjoni tad-dejta, li għandha tiġi applikata

<sup>(1)</sup> C(2012) 1342 finali.

<sup>(2)</sup> Għal introduzzjoni qasira għall-miters intelliġenti u l-grilji intelliġenti, jekk jogħġbok ara t-Taqsima 2.1 hawn taħt.

<sup>(3)</sup> L-introduzzjoni u l-analiżi tal-ispejjeż u tal-benefiċċji huma meħtieġa skont (i) id-Direttiva 2009/72/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55) u (ii) d-Direttiva 2009/73/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94). Il-Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija (COM(2011) 370 finali) ("il-Proposta dwar l-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija"), li bħalissa tinsab quddiem il-leġiżlaturi, tinkludi dispożizzjonijiet addizzjonali dwar il-metraġġ intelliġenti.

<sup>(4)</sup> Fir-rigward tal-valutazzjonijiet tal-impatt dwar il-protezzjoni tad-dejta, ta' min jinnota li l-Proposta tal-Kummissjoni għal qafas ġenerali rivedut dwar il-protezzjoni tad-dejta qiegħda tippjana li tagħmel il-valutazzjonijiet tal-impatt dwar il-protezzjoni tad-dejta obbligatorji f'xi sitwazzjonijiet u tipprovdi gwida ulterjuri dwar kif għandha titwettaq tali valutazzjoni tal-impatt. Ara l-Artikolu 33 tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment ħieles ta' tali dejta (COM(2012) 11 finali). Ara wkoll il-paragrafi 200-205 tal-Opinjoni tal-KEPD tas-7 ta' Marzu 2012 dwar il-pakkett ta' riforma għall-protezzjoni tad-dejta, disponibbli fuq [http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/edps/Consultation/Reform\\_package;jsessionid=46ACCFDB9005EB950DF9C7D58BDE5377](http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/edps/Consultation/Reform_package;jsessionid=46ACCFDB9005EB950DF9C7D58BDE5377)

<sup>(5)</sup> Ara l-paragrafu 5 tar-Rakkomandazzjoni.

<sup>(6)</sup> Aktar informazzjoni dwar il-ħidma tat-Task Force u tal-Grupp ta' Esperti 2 hija disponibbli fuq is-sit elettroniku tat-Task Force fuq [http://ec.europa.eu/energy/gas\\_electricity/smartgrids/taskforce\\_en.htm](http://ec.europa.eu/energy/gas_electricity/smartgrids/taskforce_en.htm)

b'mod volontarju mill-parteċipanti tal-industrija. L-approċċ huwa bbażat fuq l-esperjenza miksuba mill-iżvilupp u r-reviżjoni, wara l-kummenti tad-WP29, tal-“Proposta tal-Industrija għal Qafas ta' Valutazzjoni tal-Impatt dwar il-Protezzjoni tad-Dejta u l-Privatezza għal Applikazzjonijiet tal-RFID”.<sup>(1)</sup> Madankollu, il-Kummissjoni ma eskcludietx il-ħtieġa għal azzjoni leġiżlattiva fil-livell nazzjonali u/jew Ewropew<sup>(2)</sup>.

### 1.3. L-għanijiet, il-messaġġi ewlenin u l-istruttura tal-Opinjoni tal-KEPD

8. Filwaqt li l-Opinjoni tal-KEPD hija adottata b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, din mhijiex strettament limitata għall-kontenut ta' din ir-Rakkomandazzjoni, minħabba li hemm aspetti ta' protezzjoni tad-dejta importanti fl-introduzzjoni ta' metraġġ intelliġenti li mhumiex indirizzati b'mod sħiħ fir-Rakkomandazzjoni nnifisha. F'dan il-kuntest, il-KEPD ifakkar fil-kummenti formali tiegħu rigward il-Proposta dwar l-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija<sup>(3)</sup>.

9. L-Opinjoni tal-KEPD għandha tliet għanijiet u messaġġi ewlenin:

- L-ewwel, l-Opinjoni tevalwa r-Rakkomandazzjoni: hija tilqa' r-Rakkomandazzjoni bħala l-ewwel pass, tenfasizza l-kisbiet tagħha, iżda wkoll tikkritika n-nuqqasijiet tagħha, inkluża l-ispeċifità insuffiċjenti tagħha.
- It-tieni, il-KEPD jiddispaċiħ li r-Rakkomandazzjoni ma pprovdietx gwida aktar speċifika u aktar Prattika dwar il-protezzjoni tad-dejta, filwaqt li huwa jqijs li xorta waħda tista' tingħata xi gwida fit-Template tal-valutazzjoni tal-impatt dwar il-protezzjoni tad-dejta, li qiegħda titħejja bħalissa. Għalhekk, l-Opinjoni tipprovdni għadd ta' rakkomandazzjonijiet immirati dwar it-Template.
- It-tielet, l-Opinjoni titlob lill-Kummissjoni biex tevalwa jekk, minbarra l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni u tat-Template, hemmx b'żonn ta' azzjoni leġiżlattiva ulterjuri fil-livell tal-UE u tipprovdni għadd ta' rakkomandazzjonijiet immirati għal azzjoni leġiżlattiva possibbli.

10. Fid-dawl ta' dawn l-għanijiet, l-Opinjoni hija strutturata kif ġej:

- It-taqsima 2 tipprovdni introduzzjoni qasira għall-kunċetti ta' miters intelliġenti u grilji intelliġenti u tispejga t-tħassib li jqajmu fir-rigward tal-protezzjoni tad-dejta.
- It-taqsima 3 tipprovdni kummenti ġenerali dwar l-approċċ tal-Kummissjoni segwit fir-Rakkomandazzjoni, tiddiskuti l-ħtieġa għal azzjoni leġiżlattiva ulterjuri u tagħti rakkomandazzjonijiet għal azzjoni leġiżlattiva possibbli.
- It-taqsima 4 tiddekrivi wħud mill-kwistjonijiet ewlenin li – fil-fehma tal-KEPD – kellhom jiġu indirizzati b'mod aktar speċifiku fir-Rakkomandazzjoni. Uħud minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jservu wkoll bħala gwida għal-leġiżlaturi nazzjonali jew Ewropej meta jiġu biex jikkunsidraw x'azzjoni leġiżlattiva jew regolatorja ulterjuri għandha tittieħed. Oħrajn jistgħu jiġu indirizzati fit-Template tal-valutazzjoni tal-impatt dwar il-protezzjoni tad-dejta li għandha tiġi żviluppata.
- It-taqsima 5 tipprovdni ftit rakkomandazzjonijiet immirati fuq il-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-impatt dwar il-protezzjoni tad-dejta u fuq il-kontenut tat-Template li għandha tiġi żviluppata. Dawn għandhom jinqraw flimkien mat-Taqsima 4.

## 6. Konklużjonijiet

68. L-introduzzjoni tas-sistemi ta' metraġġ intelliġenti madwar l-Ewropa tista' ġġib magħha benefiċċji sinjifikanti, iżda tinvolvi wkoll riskji konsiderevoli għall-protezzjoni tad-dejta personali. Hija tagħti ċ-ċans li

<sup>(1)</sup> Ara [http://ec.europa.eu/information\\_society/policy/rfid/documents/info-2011-00068.pdf](http://ec.europa.eu/information_society/policy/rfid/documents/info-2011-00068.pdf) u [http://cordis.europa.eu/fp7/ict/enet/documents/rfid-pia-framework-a29wp-opinion-11-02-2011\\_en.pdf](http://cordis.europa.eu/fp7/ict/enet/documents/rfid-pia-framework-a29wp-opinion-11-02-2011_en.pdf)

<sup>(2)</sup> Ta' min jinnota li fl-istadju preżenti ma ġiet ipprovduta ebda evalwazzjoni tal-effettività ta' dan l-approċċ li jinvolvi liġi mhux vinkolanti għall-qasam tal-RFID u, b'mod ġenerali, lanqas ma teżisti xi informazzjoni li tindika l-effettività tal-approċċ.

<sup>(3)</sup> Itra tal-KEPD tas-27 ta' Ottubru 2011 lis-Sur Günther H. Oettinger, il-Kummissarju għall-Enerġija dwar proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u li tirrevoka d-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE, disponibbli fuq [http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Consultation/Comments/2011/11-10-27\\_Letter\\_Oettinger\\_EN.pdf](http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Consultation/Comments/2011/11-10-27_Letter_Oettinger_EN.pdf)

jsir ġbir massiv ta' dejta personali mid-djar Ewropej u tista' twassal biex wieħed isir jaf x'qegħdin jagħmlu l-membri ta' dar fil-privatezza ta' djarhom. Fid-dawl ta' dawn ir-riskji, il-KEPD jilqa' l-isforzi magħmula mill-Kummissjoni fir-Rakkomandazzjoni biex tipprovdi gwida lill-Istati Membri dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu biex jiġi żgurati li s-sistemi tal-metraġġ intelliġenti u tal-grilji intelliġenti jifasslu u jitħaddmu b'tali mod li jkunu soġġetti għal salvagwardji adegwati għall-protezzjoni tad-dejta.

69. Il-KEPD japprezza l-isforzi tal-Kummissjoni biex tagħmel użu minn kunċetti proposti ġodda, bħall-protezzjoni tad-dejta skont id-disinn u għodod prattiċi bħall-valutazzjonijiet tal-impatt dwar il-protezzjoni tad-dejta u n-notifiki dwar il-ksur tas-sigurtà. B'mod partikolari, il-KEPD jappoġġja l-pjan tal-Kummissjoni li tħejji Template għall-valutazzjoni tal-impatt dwar il-protezzjoni tad-dejta u tissottomettiha lill-Grupp ta' Ħidma skont l-Artikolu 29 biex jagħti l-pariri tiegħu dwarha.

70. Il-KEPD jiddispaċi li r-Rakkomandazzjoni ma pprovidietx gwida aktar speċifika u aktar prattika dwar il-protezzjoni tad-dejta. Madankollu, huwa jqis li xorta waħda tista' tingħata xi gwida fit-Template li qiegħda titħejja bħalissa. Għalhekk, l-Opinjoni tipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar it-Template u tenfasizza li t-Template għandha toffri gwida speċifika u prattika: ġabra tal-aqwa prassi u tal-"aqwa tekniki disponibbli". Huwa kruċjali wkoll li t-Template issegwi metodoloġija tajba u, fost l-oħrajn, tqabbel b'mod ċar kull riskju ma' kontroll adegwat.

71. Minbarra dan, l-Opinjoni titlob lill-Kummissjoni biex tivvaluta jekk hemmx bżonn ta' azzjoni leġiżlattiva ulterjuri fil-livell tal-UE u tipprovdi rakkomandazzjonijiet għal tali azzjoni leġiżlattiva possibbli. Uħud minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jiġu implimentati diġà permezz ta' emenda fid-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija, li bħalissa tinsab quddiem il-Kunsill u l-Parlament. Dawn għandhom jinkludu mill-inqas rekwiżit obbligatorju għall-kontrolluri biex iwettqu valutazzjoni tal-impatt dwar il-protezzjoni tad-dejta u obbligu li jinnotifikaw kwalunkwe ksur tad-dejta personali (it-Taqsima 4.7).

72. Barra minn hekk, il-KEPD jirrakkomanda wkoll:

- aktar gwida dwar il-bażi legali tal-ipproċessar u l-għażla disponibbli għas-suġġetti tad-dejta: b'mod partikolari, distinzjoni ċara bejn l-għanijiet li għalihom tista' tiġi pproċessata d-dejta dwar l-użu tal-enerġija mingħajr kunsens mill-klijenti, u daww li għalihom huwa meħtieġ kunsens mill-klijenti (it-Taqsima 4.2);
- applikazzjoni obbligatorja tal-"PETS" u ta' "tekniki disponibbli oħrajn" għall-minimizzazzjoni tad-dejta (it-Taqsima 4.3);
- kjarifika tar-rwoli u tar-responsabbiltajiet tal-atturi differenti minn perspettiva ta' protezzjoni tad-dejta (it-Taqsima 4.4);
- aktar gwida dwar il-perjodi ta' żamma; fil-prinċipju, il-ħażna ta' dejta dwar il-konsum ta' djar individwali għandha tkun permessibbli biss sal-aħħar tal-perjodu li matulu jkun jista' jiġi kkontestat legalment il-kont jew ikun jista' jsir il-ħlas u biss sal-livell ta' granularità meħtieġa għal skopijiet ta' ħruġ tal-kontijiet (mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-konsumatur għal żamma itwal abbażi tal-kunsens, pereżempju, biex jinkiseb parir immirat dwar l-enerġija) (it-Taqsima 4.5);
- aċċess dirett lill-konsumaturi għad-dejta tagħhom dwar l-użu tal-enerġija; u metodi effettivi biex is-suġġetti tad-dejta jiġu informati dwar l-ipproċessar tad-dejta tagħhom; dan għandu jinkludi, f'każ ta' estrazzjoni tad-dejta, l-iżvelar ta' profili individwali u l-loġika ta' kwalunkwe algoritmu li jintuża għall-estrizzjoni tad-dejta; minbarra dan, għandha tiġi pprovduta wkoll informazzjoni komprensiva rigward l-eżistenza ta' kwalunkwe funzjonalità remota mixgħula/mitfija (it-Taqsima 4.6).

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Ġunju 2012.

Giovanni BUTTARELLI  
Assistent Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni  
tad-Dejta